# L-attakki u l-intimidazzjoni ma jaħdmux

## Sa mit-twaqqif tagħha BirdLife Malta qatt ma kellha xi skop politiku, u ħadmet ma' gvernijiet differenti b'interess wieħed: il-ħarsien tal-ambjent naturali

BirdLife Malta tikkundanna bl-aktar mod qawwi l-attakki li saru fil-konfront tagħha minn żewġ Ministri u Membru Parlamentari Ewropew (MEP) tal-Gvern wara li lbieraħ ressqet Kwerela lill-Kummissarju tal-Pulizija u talbitu jirtira l-liċenzji tal-kaċċa li nħarġu b'mod illegali mill-Ministeru għal Għawdex. Il-liċenzji kollha ta' dan l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa huma invalidi u kull min ħareġ għall-kaċċa qed jikser il-liġi.

BirdLife Malta tagħmilha ċara li sa mit-twaqqif tagħha fl-1962 qatt ma kellha xi skop jew għan politiku. BirdLife Malta tħaddan fiha mijiet ta' membri ta' kull kulur u twemmin politiku, u dejjem ħadmet ma' gvernijiet differenti b'interess wieħed: dak li tħares l-ambjent naturali ta' Malta u Għawdex.

Hija ħasra li għax BirdLife Malta qed tagħmel xogħolha biex tassigura li l-ambjent naturali Malti jiġi mħares u biex iċ-ċittadini Maltin itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom ħalli jkollna pajjiż Ewropew verament modern, ikun hemm politiċi – ikunu ta' liema naħa jkunu – li joħorġu jattakkaw il-ħidma tagħna f'attentat ċar ta' intimidazzjoni u intiż li jinċita l-mibegħda kontra BirdLife Malta u l-uffiċjali tagħha.

Dan huwa dritt sagrosant skont il-Kostituzzjoni ta' Malta, u li BirdLife Malta se tkompli taqdih, irrispettivament mill-gvern tal-ġurnata.

Ta' min ifakkar li wara r-referendum tal-2015 li fih ivvutaw eluf ta' nies, u li ntilef bi ftit mijiet ta' voti, kien hemm impenn politiku – dak iż-żmien mill-Prim Ministru Joseph Muscat – li l-ambjent naturali jiġi mħares u l-liġijiet jiġu infurzati. Sfortunatament dan illum mhux qed iseħħ u l-pulizija lanqas qed jagħmlu x-xogħol mistenni minnhom għax lanqas għandhom iċ-ċans li

jaqdu d-dmirijiet tagħhom fl-interess ta' kulħadd u skont il-liġijiet ta' pajjiżna, apparti li mhux qed jingħataw ir-riżorsi biex jagħmlu dan.

BirdLife Malta titlob lill-mexxejja politiċi biex mhux biss ikunu aktar kawti fil-kritika tagħhom, imma anke japprezzaw ix-xogħol siewi u altruwist li jagħmlu l-NGOs ambjentali f'pajjiżna mingħajr ebda ħlas jew vantaġġ personali. B'kuntrast ma' ħaddieħor, BirdLife Malta u għaqdiet ambjentali oħra mhumiex privileġġjati, u ma jgawdux pereżempju mill-privileġġ li joħorġu fil-kampanja b'senter f'idejhom biex jisparaw fuq kull għasfur li jgħaddi minn fuq pajjiżna.

**TMIEM**


**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org